MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 18/2014

**Joseph Xuereb**

**vs**

**L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Joseph Xuereb tal-1 ta’ April 2014 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-13 ta’ Marzu 2014 dwar enforcement notice ECF 612/05 ‘ghandek zewg strutturi tal-injam fil-livell tal-bejt (fejn qed jinzamm hamiem) u dan kollu minghajr permess;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

B'Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq tal-21 ta' Lulju 2005, ECF 612/05, l-appellant gie formalment avvzat li fil-fond 'Joanna' Triq Mikiel Borg, Lija, (skond site plan annessa), kellu ksur ta' kontroll ta' ippjanar li gie hekk deskritt:

"Ghandek zewg (2) strutturi ta' l-injam, fil-livell tal-bejt (fejn qed jinzamm hamiem), u dan kollu minghajr permess."

Fl-istess Avviz l-appellant gie ordnat biex jieqaf immedjatament kull zvilupp fuq is-sit, li kellu jigi ripristinat ghall-istat originali fi zmien 16-il gurnata.

B'ittra pprezentata fit-13 ta' Awwissu 2005, tal-Perit Carmel Cacopardo ghall-appellant Red 5 fl-Enforcement File, indirizzata lid-Direttur tal-Ippjanar, ma appellax mill-Avviz, izda ddikjara li l-fond in kwistjoni ilu fl-istat prezenti sa mill-1988, u ghalhekk japplikaw l-provvedimenti tal-Artikolu 55B tal-Kap. 356.

Red 14, 16 u 17 huma ittri ta' protesta ta' Rita Borg, l-ahhar wahda tat-8 ta' April 2011, li hi residenti fil-fond adjacenti, li ilmentat mill-fatt li ma ttiehdet l-ebda azzjoni kontra l-appellant, ghal aktar minn sitt snin, li hi kienet qed issofri d-danni,billi kelha diffikolta tbiegh l-fond propjeta taghha, minhabba l-istrutturi fuq il-bejt tad-dar tal-appellant, li fihom kien qed izomm il-hamiem.

Red 22 A fl-Enforcement File hu rapport tal-Pulizija b'konferma li fit-23 ta' Novembru 2007, kien hemm incendju fid-dar tal-appellant, u l-istrutturi ta' fuq il-bejt fejn kien jinzamm il-hamiem inharqu kompletament.

Mill-istess rapport, jirrizulta li kien hemm guva ohra, bhal dik li nharqet li ma sofriet l-ebda hsara, kif ukoll kamra fuq il-bejt hdejn il-guva li nharqet, li ma soffritx hsara u kienet ukoll mimlija hamiem.

B'ittra tat-18 ta' Jannar 2012, Sylvana Debono, Segretarja tal-MEPA Board, infurmat lill-appellant, li l-Awtorita' ma kienitx sodisfatta li l-izvilupp illegali, kien jezisti qabel in-1993; u ghalhekk ma japplikawx l-provvedimenti tal-Artikolu 91 tal-Kap. 504; (precedentement l-Artiolu 55B tal-Kap. 356); u ghalhekk l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 612/05 ghadu validu u esegwibbli.

L-appellant qed jappella minn din l-ittra tat-18 ta' Jannar 2012.

Fl-appell taghha ghall-appellant, l-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri ssottomettiet s-segwenti:

"Permezz ta' ittra datata 11 ta' Awwissu 2005, il-klijent tieghi kkontenda illi l-Awtorita' ma kellhiex is-setgha illi tezegwixxi l-Avviz ECF 612/05, u dana bl-applikazzjoni tal-Artikolu 55B tal-Kap. 356. Huwa rcieva risposta minghand l-Awtorita' iktar minn sitt snin wara u cjoe permezz ta' ittra datata 18 ta' Jannar 2012, li permezz taghha gie nfurmat illi l-Awtorita' dehrilha illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 91 tal-Kap 504, illi llum sostitwew dawk tal-Artikolu 55B, ma kienux applikabbli ghal kaz in ezami.

Il-klijent tieghi jhoss ruhu aggravat b'din id-decizjoni tal-Awtorita' u qed jinterponi umili appell abbazi tas-segwenti aggravji;

1. Jigi rilevat illi nonostante illi saret talba mill-appellant ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 55B tal-Kap. 356 ftit granet wara l-hrug tal-Avviz biex tieqaf u ta' twettieq ECF 612/05, l-Awtorita' damet iktar minn sitt snin biex taghti risposta lill-appellant dwar l-applikazjoni o meno tal-Artikolu fuq citat. L-Awtorita' tant damet sabiex tat risposta lill-appellant illi l-Kapitlu 356 lahaq gie abrogat u sostitwit b'Kapitlu 504, u l-Artikolu 55B illum jinsab u sostitwit b'Artiklu 91. F'dan il-perjodu ta' sitt snin u nofs, l-appellant ma sema' xejn iktar mighand l-Awtorita' dwar it-talba tieghu. Ghaldaqstant, dan id-dewmien da parti tal-Awtorita' sabiex taghti risposta lill-appellant dwar it-talba tieghu minnu nnifsu jikkostitwixxi nuqqas kbir da parti tal-Awtorita' billi poggiet lill-appellant fi zvantagg kbir sabiex illum iressaq provi ulterjuri dwar il-fatt illi l-izvilupp kien jezisti ga fil-1 ta' Jannar 1993, kwazi ghoxrin sena ilu.

2. Fit-tieni lok, l-appellant jissottometti illi qatt ma gie notifikat b'xi seduta li setghet sehhet quddiem il-Bord tal-Awtorita tal-MEPA illi, skond i1-ligi, hija l-awtorita stabbilita skond il-ligi sabiex tiehu tali decizjoni. Lanqas ma jirrizulta illi tali decizjoni ttiehdet mill-istess Awtorita skond il-ligi u ghalhekk, l-Awtorita ghandha tressaq il-prova illi tali decizjoni ttiehdet minnha skond il-ligi. Jigi sottomess illi l-agir tal-Awtorita illi damet sitt snin u nofs sabiex tikkunsidra t-talba tal-appellant jikkostitwixxi nuqqas serju da parti taghha li jmur kontra kull principju ta' mgieba amministrattiva tajba.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi l-agir tal-Awtorita tmur kontra r-regoli ta' gustizzja amministrattiva. Dan qieghed jinghad peress illi 1-Awtorita huwa l-organu illi skond l-Artiklu 55B tal-Kap 356 (illum Artiklu 91 tal-Kap 504), jiddetermina dak illi jikkostitwixxi prova sufficjenti sabiex jistabilixxi illi jezistu l-elementi kollha ghall-applikazzjoni tal-istess dispozizzjoni tal-ligi. Oltre dan il-poter, l-Awtorita nghatat ukoll il-poter illi tiddeciedi hi stess jekk dan l-Artikolu huwiex applikabbli ghall-kazijiet partikolari bhalma huwa l-kaz in ezami.

II-Kapitlu 356 haseb sabiex dan ir-rwol doppju tal-Awtorita - cioe dak ta' tfassil ta' policy dwar l-Artiklu 55B kif ukoll l-applikazzjoni tal-istess dispozizzjoni tal-ligi jigi temperat. Infatti, l-Artiklu 558(7) haseb sabiex il-Ministru responsabbli mill-ippjanar jippubblika regolament sabiex l-Artiklu 55B jigi applikat bl-ahjar mod, wara li jikkonsulta mal-Awtorita. Jigi sottomess illi apparti l-Avviz Legali 21 tas-sena 2002 li m'ghandu ebda applikazzjoni ghall-kaz in ezami, ma gie ppubblikat ebda regolament mill-Ministru sabiex ifisser liema hi dik il-prova illi skond hu, hija ammissibbli mill-Awtorita u sufficjenti sabiex jigi applikat l-Artiklu 558 ghall-kaz partikolari, bhalma huwa l-kaz in ezami.

Kif diga nghad, illum l-Artiklu 55B jinsab sostitwit b' Artiklu 91 tal-Kapitlu 504 u anke l-Artiklu 55B(7) jinsab riprodott permess tal-Artiklu 91(5). Pero, nonostante dan, sal-lum, ma gew ippubblikati l-ebda regolamenti mill-Ministru illi jitfghu dawl fuq l-applikazzjoni ta' dan l-Artiklu u ghalhekk, ma jezisti ebda mezz ta' kontroll fuq l-Awtorita illi jista' jiddetermina b'mod oggettiv x'inhi dik il-prova rilevanti ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 91.

4. Fir-raba' lok, ssir riferenza ghall-Artiklu 91 fejn jigi pprovdut illi persuna illi tikkontendi illi avviz biex tieqaf u ta' twettieq mhuwiex ezegwibbli ghandha "ggib prova ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita f'dak is-sens, inkluza kull prova dokumentarja rilevanti u dawk il-provi l-ohra li l-Awtortia tqis mehtiega u dana skond u suggett ghall-proceduri illi jigu stabbiliti mill-Awtorita ghal dan il-ghan."

Ssir riferenza ghall-ittra tat-18 ta' Jannar 2012 fejn qieghed jinghad illi ma tressqitx "bizzejjed evidenza ghas-sodisfazzjoni tal-Awtorita" minghajr ebda riferenza ghal dak illi effettivament wassallill-Awtorita sabiex tasal ghal dik il-konkluzzjoni.

Jigi sottomess illi nonostante illi ghaddew iktar minn ghaxar snin minn mindu giet introdotta din il-mizura, ma sar ebda attentat da parti tal-Awtorita sabiex tistabbilixxi procedura ghall-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni jew indikazzjoni dwar x'jistghu jkunu dawk il-provi illi huma mehtiega skond il-ligi. Dan in-nuqqas da parti tal-Awtorita jikkostitwixxi abbuz serju billi l-appellant spicca biex thalla ghal sitt snin shah fid-dlam dwar jekk il-provi mressqa minnu humiex sodisfacenti, rilevanti jew mehtiega ghall-Awtorita. L-Awtorita ghalhekk kellha d-dover illi tibghat ghall-appellant wara sitt snin u nofs u almenu tgharrfu dwar x'inhuma dawn il-provi minflok illi qabdet u skartat dak imressqa minnu. Wiehed ghalhekk jistaqsi kif l-appellant seta' qatt jissodisfa lill-Awtorita bil-provi illi jipproduci jekk lanqas biss jaf x'inhuma dawk il-provi illi l-Awtorita jidhrilha illi huma sodisfacjent, rilevanti jew mehtiega.

5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jigi sottomess illi, fi kwalunkwe kaz, l-appellant jissodisfa r-rekwiziti kemm tal-Artiklu 55B tal-Kap 356 kif ukoll ir-rekwiziti tal-Artiklu 91(1) billi l-izvilupp kolpit mill-Avviz ECF 612/05 sar gewwa z-zona ghall-izvilupp qabel il-l ta' Jannar 1993. Dan gie kkonfermat mill-appellant permezz tal-affidavitipprezentat minnu flimkien mat-talba tieghu tal-l1 ta' Awissu 2005, u 1-appellant jirrizerva minn issa illi jipprezenta provi ulterjuri in sostenn ta' dak allegat minnu dwar il-fatt illi l-izvilupp sar qabel din id-data u jezigi illi jinghata direzzjoni cara mill-Awtorita dwar dan sabiex jitpogga f'pozizzjoni illi jiddefendi lilu nnifsu.

In konkluzzjoni, l-appellant jissottometti illi jezistu r-rekwiziti kollha ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 91 tal-Kap 504 (gja l-Artiklu 558 tal-Kap 356), u ghalhekk jitlob sabiex it-Tribunal jiddikjara illi d-decizjoni tal-Awtorita tat-18 ta' Jannar 2012 dwar it-talba tal-appellant tal-11 ta' Awissu 2005 hija skorretta u mhux skond il-ligi, jiddikjara illi l-appellant jissodisfa r-rekwiziti kollha tal-Artiklu 91 tal-Kap 504 u konsegwentement, jiddikjara illi l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq Nru 612/05 mhuwiex ezegibbli."

Fir-risposta tieghu l-Avukat Dottor Anthony De Gaetano ghall-Awtoirta' irrileva s-segwenti:

"Illi fl-ewwel lok, l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq bin-numru hawn fuq muri, inhareg kontra l-appellant odjern Joseph Xuereb li ma kienx appella minn dan l-avviz izda qed jappella mir-rifjut li jinvoka l-provedimenti tal-Artikolu 91 tal-Kap 504 (gja l-Artikolu 55B tal-Kap. 356) stante li f'dan il-kaz ma jistghux jigu applikati dawn l-stess provedimenti ghax fit-talba li saret lill-Awtorita` ma kienx hemm bizzejjed evidenza ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita` li l-izvilupp illegali li hemm fuq il-post kien sar qabel l-1993;

Illi l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq kien inhareg stante li saru zewg strutturi tal-injam fil-livell tal-bejt (fejn qed jinzammu hamiem) minghajr il-permessi mehtiega;

Illi barra li l-evidenza li gab l-appellant ma tissodisfax lill-Awtorita` u dan kif ser jirrizulta mill-evalwazzjoni li ghamel Oreste Galea u Paul Camilleri – li ser jixhdu f’dan l-appell ghalhekk Artikolu 91 tal-Kap 504 (gja l-Artikolu 55B tal-Kap. 356) ma japplikax, din l-istess Awtorita` ghandha evidenza ohra li wahda mill-istrutturi milquta bl-avviz inharqet fl-2007 (vide Dok. TD 1) u minflokha inbnew strutturi ohra li jirrizultaw fi ksur tal-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq, kif ukoll hemm bdil t’uzu minn washroom ghal kamra fejn qed jinzammu l-hamiem (vide Dok.TD2a u TD2b) li kollha saru wara l-incident tal-hruq;

Illi l-Awtorita` mhix marbuta bi zmien biex taghti risposta la taht l-Artikolu 55B u lanqas taht l-Artikolu 91 w ghalkemm kien hemm certu tul ta’ zmien, din ma naqsitx legalment fil-konfront tal-appellant. Ta’ min jghid ukoll li l-appellant ma gab l-ebda prova sodisfacenti hlief affidavit maghmul minnu stess li tali zvilupp sar qabel l-1993, stante li dan mhux bizzejjed meta tiehu wkoll in konsiderazzjoni li kien hemm ksur tal-avviz meta saru kmamar ohra wara l-incident tal-hruq fl-2007, stante li tali kmamar zgur kellhom ikunu koperti b’permess ta’ zvilupp;

Illi l-onus li tigi sottomessa l-aqwa prova ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita` li l-izvilupp sar qabel l-1993 huwa fuq l-applikant/appellant u ghalhekk l-Awtorita` ma tkunx qed tonqos jekk tiddeciedi li l-prova li l-appellant gab mhix ghas-sodisfazzjon taghha. L-Awtorita` ma ghandha l-ebda obbligu li titlob provi specifici ghax fit-talba taghha taf tkun restrittiva ghad-detriment tal-applikant li jgib provi ohra ulterjuri li xorta jistghu jkunu ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita`. L-aqwa prova ghandha tkun dik il-prova li ma tqanqal l-ebda hjiel ta’ dubbju li l-izvilupp kien sar qabel l-1993, bhal perezempju aerial photos ta’ qabel l-1993 fejn jidher car li tali zvilupp kien jezisti u ohrajn bhal ircevuti fiskali tax-xogholijiet li saru;

Illi l-appellant fl-ittra tal-appell tieghu kontra d-decizjoni tal-Bord li l-Artikolu 91 tal-Kap. 504 mhux applikabbli, qed jinsisti li dan ma sarx skont il-ligi meta s-smigh u d-decizjoni ma ttiehditx fil-pubbliku, kif ukoll hu ma kienx prezenti, izda din kieku ggib biss kwistjoni procedurali, li, kieku jigi ppruvat li veru gara hekk, il-kaz jerga’ jitla’ quddiem il-MEPA Board biex jigi deciz fil-prezenza taghhom – izda dan mhux ippruvat mill-appellanti."

Ikkunsidra ulterjorment:

L-appellant jippretendi li l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq ECF 612/05 tal-21 ta’ Lulju 2005 mhux ezegwibbli billi l-izvilupp indikat fl-Avviz sar qabel l-1 ta’ Jannar 1993. Skond is-subincis (2) tal-Artikolu 55B tal-Kap. 356 l-piz tal-prova hu fuq l-applikant li jforni lill-Awtorita’ prova permezz ta’ dokumenti li l-izvilupp kontestat sar qabel l-imsemmija data. L-Artikolu 52(a) tal-Kap. 356 jghati d-dritt lill-persuna li tigi notifikata bl-Avviz li fi zmien (15) hmistax-il gurnata minn notifika, tappella lill-Bord (Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar) biex l-istess Avviz jigi revokat.

L-appellant, pero’ ma appellax, izda l-perit tieghu kiteb lid-Direttur tal-Ippjanar, l-ghada li l-appellant gie notifikat bl-Avviz, u ddikajara li fil-fehma tieghu “japplikaw l-provvedimenti tal-Artikolu 55B”

Din id-dikajarazzjoni ‘per se’ l-anqas tirrikjedi necessarjament – risposta mill-Awtorita’; li kienet naturalment tirrispondi kieku l-appellant appella mill-Avviz lilu notifikat.

Billi, skond l-Artikolu fuq citat, gie impost terminu ta’ hmistax-il gurnata minn notifika ghal prezentata tal-appell mill-Avviz; peress li ebda appell ma gieipprezentat f’dak it-terminu, l-Avviz ghadda in guidikat, u l-Awtorita’ setghet tipprocedi b’direct action billi l-izvilupp kontestat fl-Avviz sar bla permess.

L-Awtorita’ pero’, ghalkemm ma sarx appell mill-Avviz, ma pprocedietx bid-Direct Action, u ghalkemm skond l-Avviz l-appellant gie ordnat biex jirripristina s-sit ghall-istat originali fi zmien 16-il gurnata, dan ma ghamlux, b’rizultat li l-istrutturi illegali fejn kienu qed jinzammu l-hamiem ma tnehhewx, u l-appellant baqa’ jkompli bl-istess attivita’ wara n-notifika tal-Avviz, kif kien qed jaghmel qabel l-hrug tal-istess Avviz.

L-appellant jilmenta mill-fatt li l-Awtorita’ damet is-snin biex tirrispondi l-ittra tal-Perit tieghu; in fatti l-imsemmija ittra ggib id-data 11 ta’ Awwissu 2005, u l-ittra tal-Awtorita’ iggib d-data 18 ta’ Jannar 2012.

Id-dewmien f’dan il-kaz pero’, ma kienx ta’ hsara jew pregudizzju ghall-appellant, li inpunement baqa’ ghall-snin shah juza l-istrutturi li kellu fuq il-bejt.

Mid-dokumenti li jinsabu fl-Enforcement file, jirrizulta li l-Awtorita’ regghet bdiet tikkunsidra l-kaz, mhux fuq insistenza tal-appellant, jew tal-Perit tieghu, izda minhabba l-protesti ripetuti tal-girien cjoe’ e-mail ta’ Massimu Aufieri tal-20 ta’ Lulju 2007, Red 8; e-mail ta’ Rita Borg tal-24 ta’ Marzu 2011 Red 14; e-mail ohra tal-istess Rita Borg tat-2 ta’ April 2011 – Red 16; u Red 17 e-mail ta’ Rita Borg tat-8 ta’ April 2011.

Mid-dokument mmarkat 18A, jirrizulta li l-Enforcement Officer Robert Attard fl-14 ta’ April 2011, gie michud l-access mill-appellant li ammetta li s-sitwazzjoni kienet baqghet kif kienet meta hareg l-Avviz, u li kien ser jiehu l-parir tal-Perit tiehgu jekk ghandux jaghti access lill-Enforcement Officer; li pero’ xorta wahda mar fuq is-sit mill-propjeta tal-girien, u kkonferma li

kien hemm erba' (4) strutturi (mhux bini) li jintuza bhala 'pigeon lofts', u zewg kmamar tal-gebel uzati ghall-istess skop.

Fl-istess okkazzjoni ingiebdu xi ritratti tal-istrutturi li l-appellant ghandu fuq il-bejt, li huma mmarkati Blue 18B.

B'ittra tal-25 ta' April 2011, Blue 19, Oreste Galea, Supervisor Planning Enforcement, kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u talab r-rapport li sar dwar l-incendju fid-dar tal-appellant f'Novembru 2007.

Ir-rapport, mmarkat Red 22A, jikkonferma li fit-23 ta' Novembru 2007, kien hemm hruq estensiv fir-residenza tal-appellant tant li gie rapportat li "the avery was completely destroyed", gie nfurmat l-Magistrat tal-Ghassa, li skond l-istess rapport fuq il-bejt kien hemm guva ohra tal-injam li ma nharqitx; u hdejn il-guva l-ohra tal-injam li nharqet kien hemm kamra li ma saritilix hsara li kienet ukoll tintuza ghal hamiem.

B'nota ipprezentata fid-9 ta' Lulju 2012, l-appellant annetta affidavit minnu mahluf fit-ta' Lulju 2012, u ghalkemm semma li fit-23 ta' Novembru 2007, kien hemm hruq fuq il-bejt tieghu, la kkummenta fuq l-entita tal-hsarat, u wisq anqas x'ghamel wara l-incendju. Skond l-Enforcement Officer Robert Attard Blue 18A fl-14 ta' April 2011 meta acceda fuq il-post tal-gara tal-appellant, fuq il-bejt tal-istess appellant kien hemm 4 strutturi (mhux bini) u zewg kmamar li kollha kienu qed jintuzaw bhala 'pigeon lofts'.

Il-gara, Rita Borg, ikkonfermat, Red 17, e-mail tat-8 ta' April 2011, li wara l-incendju ta' 2007, l-appellant rega' bena l-istrutturi, anzi zied u baqa' ghaddej bl-attivita' tat-trobbija tal-hamiem fuq il-bejt. Dan fil-fatt hu ammess mill-appellant fl-Affidavit tieghu,billi peress li ghaddew is-snin "jiena kont assumejt illi kollox kien sew, u li l-Awtorita' kienet accettat it-talba tieghi."

Effettivament l-ittra tal-Perit Cacopardo tal-11 ta' Awwissu 2005, ma kien fiha l-ebda talba ghar-revoka tal-Avviz; izda opinjoni tal-Perit li fil-fehma tieghu japplikaw il-provvedimenti tal-Artikolu 55B.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li d-decizjoni ma ttiehditx fil-prezenza tieghu, u l-anqas gie mistieden biex ikun prezenti ghall-laqgha.

Il-kompozizzjoni u l-funzjoni tal-Boards tal-Awtorita' huma indikati fl-Artikolu 6 et. Seq. tal.-Att X ta' l-2010, Kap. 504.

Skond l-Artikolu 6(11):

“The provisions of the First Schedule to this Act shall apply to the Authority and regularise its proceedings”. Skond l-paragrafu 9 ta’ l-Ewwel Skeda l-laqghat tal-Awtorita’ huma miftuha ghall-pubbliku, u l-Awtorita’ tippermetti lill-applikant, jew rapprezentat tieghu, u terz interessat ufficjalment registrat skond ir-rekwiziti tal-ligi, li jaghmel sottomissjonijiet dwar l-kwistjoni li tkun qed tigi kkunsidrata.

Billi dan l-paragrafu msemmi l-applikant, rapprezentat tieghu, u terz interessat, l-kwistjoni li tkun qed tigi kkunsidrata hi applikazzjoni ghall-izvilupp u mhux bhal kaz in ezami li ma jirreferix ghall-applikazzjoni li qed tigi pprocessata; izda ittra tal-perit li kiteb ghan-nom ta’ persuna li giet notifikata b’enforcement order, fejn ma gietx mitlub r-revoka tal-istess avviz, izda semplicement dikjarazzjoni tal-perit li fl-opinjoni tieghu, f’dawk ic-cirkostanzi kien japplika l-Artikolu 55B tal-Kap. 356.

Strettament l-imsemmija ittra, ma talbet l-ebda risposta mill-Awtorita’, li kienet giet semplicement infurmata mill-perit, li fil-fehma tieghu kien japplika l-Artikolu fuq citat.

Skond il-paragrafu 10 tal-ewwel skeda annessa mal-Att “the deliberations of the Authority shall be held in private but every vote shall be conducted in public”.

Skond il-paragrafu 11, l-Awtorita’ tista’ titlob lill-applikant jipprezenta pjanti emendati.

Dan ghalhekk ma japplikax ghal kaz in ezami billi l-mertu ta’ dan l-appell ma jinvolvix applikazzjoni ghal permess ghall-izvilupp.

Fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2012, l-Avukat Dottor Anthony De Gaetnao ghall-Awtorita’ pprezenta Dok SD1, estratt mis-seduta tal-MEPA Board tas-27 ta’ Ottubru 2011; meta gew diskussi kazijiet ta’ Enforcement b’referenza ghall-Artikolu 91 ta’ Kap. 504 (precedentement 55B tal-Kap. 356)

Sylvana Debono, li kienet tokkupa l-kariga ta’ Segretarja tal-Bord tal-Awtorita’ bejn 2008 u 2012 xehdet fis-seduta tat-18 ta’ April 2013. “Inter alia” ikkonfermat li l-laqgha tas-27 ta’ Ottubru 2011 ma kienitx public hearing – izda wahda amministrattiv kif kienu ser jigu trattati

dawn il-kazijiet ta' Enforcement. Il-prezentazzjoni saret mid-Direttur tal-Enforcement Section, u mill-minuti jirrizulta li kull kaz gie trattat separatament u individwalment.

Mill-istess minuti jirrizulta li c-Chairman informa lill-membri, li l-Planning Directorate kellu jipprezenta document lill-Bord dwar l-uzu ta' kmamar tal-bejt bhala 'pigeon lofts'.

Mill-premess jirrizulta abbondantement, li din il-laqgha, ma kienitx titratta l-ipprocessar ta' applikazzjoni, fejn skond il-ligi l-applikant ghandu d-dritt li jkun prezenti, u jaghmel sottomissjonijiet. Din kienet laqgha fejn l-Enforcement Section tal-Awtorita' kienet qed tinforma lill-Awtorita' x'kienet il-pozizzjoni dwar kategorija partikolari ta' kazijiet ta' enforcement, u kif ser jigu 'managed' dawn il-kazijiet.

F'dan it-tip ta' laqgha, l-appellant, li mhux applikant, ma kellu l-ebda dritt li jkun prezenti.

It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-Appell, billi jichad l-istess, u jikkonferma l-kontenut tal-ittra ta' Sylvana Debono, Segretarja tal-Bord tat-18 ta' Jannar 2012.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ikkunsidra dokumenti mill-enforcement file tal Awtoritaipprezentati fl-ahhar seduta meta l-appell kien differit ghad-decizjoni u meta l-appellant talab differiment peress li d-difensur tieghu ma setax jattendi. Dawn id-dokumenti kienu decizivi ghat-Tribunal u l-appellant la kellu access ghad-dokumenti ghax gew prezentati fl-ahhar seduta u ghalhekk ma setax jikkontrollahom. Dan jikkostitwixxi ksur tal-principju 'audi alteram partem'. In oltre t-Tribunal strah fuq rapport tal-pulizija li l-appellant ma kienx jaf bl-ezistenza tieghu qabel gie prezentat, ottenut bi ksur tal-Kap. 504 u l-Kap. 440 tal-protezzjoni u privatezza tad-data;

2. It-Tribunal ma tax opportunita lil appellant iressaq il-provi tieghu meta cahad talba tal-appellant biex jitratta l-kaz wara li gie differit ghad-decizjoni fl-assenza tal-avukat tal-appellant u naqas li jiddeciedi talba tal-appellant ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tad-decizjoni peress li pprezenta pre submission application;

3. It-Tribunal cahad aggravju tal-appellant li ma giex notifikat mill-Awtorita biex jidher f'seduta biex tigi diskussa l-applikazzjoni tal-artikolu 55B tal-Kap. 356 ghax ma kellu ebda dritt li jkun prezenti. Dan hu ksur tal-principju nemo iudex in causa propriam' u 'audi alteram partem';

4. It-Tribunal naqas li jikkonsidra diversi aggravji tal-appellant cioe d-dewmien biex jigi kunsidrat it-talba tal-appellant; il-fatt li l-appellant qatt ma gie notifikat b'seduta quddiem il-Bord; li l-Awtorita kienet l-entita li mhux biss tiddeciedi t-talba tal-appellant izda li wkoll tara jekk jezistux l-elementi biex jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-ligi; l-Awtorita naqset li tindika xi provi kienu necessarji biex it-talba tal-appellant tigi akkolta u n-nuqqas tat-Tribunal li jiddetermina jekk l-appellant issodisfax id-dettami tal-artikolu 55B tal-Kap. 356;

5. It-Tribunal strah fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 356 meta dawn gew abrogati;

6. Il-parti dispozittiva tad-decizjoni tat-Tribunal hi nulla ghax ikkonferma l-ittra kkomunikata lil appellant tat-18 ta' Jannar 2012 mibghuta mis-segretarja tal-Bord tal-Appell meta hi d-decizjoni li taghti lok ghal appell mhix l-ittra ta' komunikazzjoni tal-Bord.

Qabel jigu trattati l-aggravji din il-Qorti tirrileva illi dak li wassal ghal proceduri odjerni kien enforcement notice 612/05 rilevat fil-parti inizjali ta' din is-sentenza.

L-appellant odjern ipprevalixxa ruhu mid-dispost tal-artikolu 55B(2) tal-Kap. 356 li kien l-artikolu ta' ligi applikabbli ghal enforcement notice li hareg fl-2005 u talab lil Awtorita tiddikjara l-inapplikabilita tal-enforcement notice a bazi ta' dak li jistipula l-istess artikolu cioe li l-izvilupp sar qabel l-1993. Dawn kienu u baqghu l-parametri tat-talba u li dwara l-Awtorita kellha obbligu tiddeciedi bi dritt ta' appell lil Bord jew it-Tribunal skond iz-zmien tad-decizjoni minn din it-talba ai termini tal-artikolu 52B(5) tal-Kap. 356 jew 91(4) tal-Kap. 504 skond il-kaz.

L-artikolu 55B(2) ighid illi l-persuna li tipprevalixxi ruhha minn dan l-artikolu ghandha taghti prova sodisfacenti lil Awtorita fit-termini tal-istess artikolu inkluz kull prova dokumentarja rilevanti u dawk il-provi li l-Awtorita tikkonsidra necessarji.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju qed jigi milqugh izda mhux strettament ghar-ragunijiet moghtija mill-appellant. It-Tribunal ippermetta illi l-appellant ma appellax mill-enforcement notice tal-Awtorita izda baghat ittra tramite l-perit tieghu biex jikkontesta l-ezegwibilita tal-enforcement minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 55B(2). Din l-ittra ma fiha ebda talba ghal revoka tal-avviz izda opinjoni tal-perit li japplikaw il-provvedimenti tal-artikolu 55B. Izid li din id-dikjarazzjoni per se lanqas tirrikjedi risposta mill-Awtorita ghax dan ma kienx appell a bazi tal-artikolu 52(a) tal-Kap. 356 li jaghti dritt ta' appell minn enforcement notice. Ikompli izid illi peress li ma giex pprezentat appell fi zmien 15-il jum kif trid il-ligi, l-avviz ghadda in gudikat u l-Awtorita setghet ipprocediet b'direct action.

Dawn il-premessi huma zbaljati fil-ligi fil-fehma tal-Qorti billi l-ittra tal-perit fiha nfisha tikkostitwixxi dritt moghti bil-ligi biex tigi attakkata enforcement notice ghal raguni li l-ligi stess tispecifika cioe li l-izvilupp jippreciedi l-1993 u ghalhekk l-enforcement notice mhix applikabbli. Konsegwenza ta' prova posittiva jkun l-irtirar tal-istess, kwindi r-revoka. Mhux hekk biss izda kuntrarjament ghal dak li jsostni t-Tribunal, jekk l-Awtorita tichad din it-talba, jibda t-terminu tal-appell skond l-artikolu 52. Kwindi hu car illi t-Tribunal mexa fuq il-presuppost zbaljat illi l-enforcement notice kienet gia tikkostitwixxi gudikat ezekuttiv li mhux il-kaz u a bazi ta' din il-forma mentis tat-Tribunal gie dirett minn dan l-argument fondamentalment fallaci fil-ligi.

Meta t-Tribunal kien qed jisma' l-appell quddiemu ma setax jimxi bil-presuppost li t-talba tal-appellant quddiem l-Awtorita kienet wahda ta' revizjoni tal-enforcement notice u li ghalhekk l-Awtorita kienet qed tigi mitluba tikkunsidra li l-izvilupp kien pre-ezistenti l-1993, u ghalhekk kellha l-obbligu implicitu li taghti l-opportunita konkreta lil appellant jipprova dak li kien qed isostni. Harsa lejn id-decizjoni tat-Tribunal turi illi dan il-binarju lanqas gie esplorat mit-Tribunal u minflok strah fuq fatti jew provi migjuba mill-Awtorita li jirrisalu ghal wara l-fatt msemmi fl-enforcement notice u kien f'dan l-istadju illi kkonkluda li t-talba tal-appellant quddiem l-Awtorita skond l-artikolu 55B(2) lanqas kienet talba ghal revoka. Il-Qorti ghalhekk tistaqsi x'kienet l-iskop tat-talba moghtija bid-dritt bil-ligi lil appellant jekk mhux wahda ta' revoka jew irtirar tal-enforcement ghax mhux applikabbli ghal strutturi ezistenti qabel l-1993. Dan kien il-pern tal-kwistjoni u rinfaccjat bl-enforcement file tal-Awtorita fl-ahhar seduta meta saret talba ghal differiment mill-konsulent legali tal-appellant, u fejn l-istess file kien fih fatti jew provi li t-Tribunal dehrlu rilevanti bizzejjed li jsemmihom estensivament fid-decizjoni

tieghu kien jaghti lok li l-parti opposta tirrispondi ghalihom u mhux tigi michuda kemm it-talba ghad-differiment u anki ghal seduta biex il-parti l-ohra tkun tista' tirrispondi.

Il-Qorti tqis illi ghalkemm it-Tribunal ghandu kull diskrezzjoni li jakkorda jew jichad talba ghal differiment pero din id-diskrezzjoni tista' tigi skrutinata mill-Qorti f'kazijiet eccezzjonali fejn drittijiet sagrosanti bhal audi alteram partem jidhru jew jistghu jidhru li qed jigu mittiefsa. Hi l-fehma tal-Qorti li c-cahda tat-Tribunal li jaghti possibilita lil appellant biex jikkontrolla provi migjuba mill-Awtorita fl-ahhar seduta quddiemu ghalkemm tramite l-produzzjoni tal-file tal-enforcement, ma kinitx intiza b'mod abbusiv izda bbazati fuq il-fehma malriposta dwar il-portata propju tal-artikolu 55B tal-Kap. 356 dejjem ghal fatti li wasslu ghall-enforcement tal-2005 u mhux x'seta' sehh wara.

Ghalkemm jista' jinghad li enforcement file seta kien disponibbli ghall-appellant ghax jikkoncerna lilu pero l-fatti juru illi l-istess appellant qatt ma ssejjah quddiem l-Awtorita in segwitu ghal innegar tal-proceduri taht l-artikolu 55B u ghalhekk ma kienx jaf xi provi kienu qed jingabru li fil-fehma tal-Awtorita kienux necessarji biex tasal ghad-decizjoni skond l-artikolu 55B.

In kwantu pero ghall-allegazzjoni tal-appellant li l-Awtorita mxiet bi ksur tal-ligi fil-gbir ta' certu provi inkluz rapport tal-pulizija dwar hruq li sehh fir-residenza tal-appellant fl-2007, din il-Qorti tqis illi din il-kwistjoni ma hi ta' ebda rilevanza ghal kaz peress illi jmur oltre l-parametru tal-kwistjoni cioe l-izvilupp illegali ta' zewgt ikmamar ezistenti fl-2005 pero li qed jigu kontestat id-data meta sehh l-izvilupp taghhom cioe hux qabel jew wara l-1993.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi milqugh limitatament fis-sens hawn fuq indikat u l-Qorti qed tidderigi lit-Tribunal u l-partijiet isegwu dawn il-parametri.

**It-tieni aggravju**

L-ewwel parti ta’ dan l-aggravju gia gie trattat fl-ewwel aggravju u gie milqugh. In kwantu ghan-nullita tad-decizjoni ghax it-Tribunal naqas li jiddeciedi talba ghal differiment ghal prolazzjoni, din il-Qorti tqis li tali aggravju hu bla bazi billi d-decizjoni tat-Tribunal timplika fiha nfisha cahda tat-talba ghal differiment, ghalkemm il-Qorti kienet tkun aktar sodisfatta kieku t-Tribunal cahad direttament ir-rikors ghal differiment dwar il-prolazzjoni tad-decizjoni.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigu milqugh fis-sens hawn fuq riportat.

**It-tielet aggravju**

Din il-Qorti tallacja dan l-aggravju mal-ewwel wiehed. Id-decizjoni tat-Tribunal fil-fehma tal-Qorti kienet ibbazata fuq premessa legali hazina. L-artikolu 55B(2) fih innifsu jikkostitwixxi appell amministrattiv quddiem l-istess Awtorita li harget l-avviz ta’ infurzar. La darba l-ligi taghti d-dritt lil parti li tressaq provi dwar meta sar l-izvilupp illegali, il-Qorti tqis illi l-Awtorita kellha titratta l-kwistjoni bi speditezza ragonevoli. Sitt snin la hu terminu spedit u anqas gie ppruvat li hu ragonevoli ghal xi cirkostanza mhux attribwibbli lil Awtorita. L-Awtorita, kuntrarjament ghal dak li sostna t-Tribunal kellha obbligu tgharraf lil appellant u tistiednu jiddikjara jekk kellux provi dokumentarji jew provi ohra li jsostni t-tezi tieghu qabel tghaddi biex tiddeciedi. Ghalkemm din il-kwistjoni mhix registrata mill-ligi ghax il-Ministru koncernat qatt ma ghamel regolamenti dwar dan, kif kellu d-dritt (mhux l-obbligu) li jaghmel, ma jfissirx li l-Awtorita setghet tagixxi u tiddeciedi bla ebda hjiel li dak li kienet qed taghmel. Il-pozizzjoni taghha del resto kienet wahda ta’ certa delikatezza fejn hi kienet l-entita li harget l-avviz u li quddiemha kien hemm it-talba li tali avviz jigi irtirat ghax mhux ammissibbli. Kwindi l-Awtorita mhux biss kellha tagixxi bi skrupolozita u kawtela izda tidher li qed taghmel hekk billi taghti opportunita, imqar darba, lil appellant biex jersaq u jressaq xi prova ohra seta’ kellu oltre dak li seta’ esebixxa mat-talba ghar-revizjoni tad-decizjoni.

Hu minnu illi l-ligi tipprovdi li l-appellant kellu jissottometti provi jew dokumenti in sostenn tat-talba pero l-Awtorita, kuntenta jew xjettika mill-provi prodotti mat-talba kellha l-obbligu fl-interess suprem tal-gustizzja li taghti opportunita lil appellant li jekk irid, u entro terminu, iressaq xi provi ulterjuri li seta’ ghandu. It-Tribunal li fil-fehma tal-Qorti applika hazin id-dispost tal-artikolu 55B(2) tal-Kap. 356 wasal ghal konkluzzjoni zbaljata li l-prezenza tieghu ma kinitx mehtiega. Pero qari tar-raba’ aggravju quddiem it-Tribunal imur oltre l-prezenza

fizika tal-appellant quddiem l-Awtorita fid-deliberazzjonijiet tieghu u jinvolvi n-natura tal-provi li jistghu jwasslu lil Awtorita tiddeciedi dwar it-talba tal-appellant.

Il-Qorti ma taqbilx mal-appelant pero li ghandha tkun l-Awtorita li tinforma lil appellant xi provi ghandu bzonn biex jikkonvincuh dwar it-talba tieghu. L-oneru tal-prova hi fuq l-appellant u l-prova tohrog mid-dispost tal-istess ligi cioe li jgib provi konvincenti li l-istrutturi mertu tal-enforcement notice jipprecedu l-1993. Sta ghall-appellant li jaghmel din il-prova, u l-Awtorita mbaghad tiddeciedi dwarha mill-lat amministrattiv bi dritt ta’ appell quddiem il-Bord (illum Tribunal) tal-Appell jekk id-decizjoni tal-Awtorita kinitx gustifikata jew le. Lanqas ma taqbel mal-appellant dwar il-prezenza fizika tieghu fis-seduti quddiem l-Awtorita ghalkemm tqis illi ghandha tinforma lil appellant b’dawk il-fatti li jirrizultawlha mill-investigazzjonijiet taghha u li huma ta’ rilevanza ghal mertu tal-appell.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh fis-sens espost.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’ Joseph Xuereb in linea ma’ dak deciz, in kwantu qed tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-13 ta’ Marzu 2014, u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jerga’ jiddeciedi l-kaz mill-gdid.

Spejjez ghall-Awtorita.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------